San Pawl Il-Bahar

## Il- laqgħa Nru 40 tas-seba' Kunsill
## saret nhar
## il-Gimgha 24 ta' Jannar 2014 fis-5.30pm
## fl-Uffiċċji Amministrattivi

Triq San Pawl,San Pawl il-Bahar,SPB 3411 - Malta

**Preżenti għal-Laqgħa:**

| | |
|---|---|
| Mario Salerno | Sindku |
| Graziella Galea | Kunsilliera |
| Raymond Tabone | Kunsillier |
| Anne Fenech | Kunsillera |
| Jane Chircop | Kunsilliera |
| Oliver Mallia | Kunsillier |
| Mandy Buhagiar | Kunsilliera |
| Robert Piscopo | Kunsillier |
| Mario Buhagiar | Kunsillier |
| Peter Abela | Kunsillier |
| Frans Chircop | Segr. Eżekuttiv |

**Skuzat/a**

Alex Bezzina, John Bray, Peter Abela u
Simeon Nechev.

**Is-Sindku qal it-talba u ppresieda l-laqgha.**

***Qari u approvazzjoni tal-minuti.***

Billi l-minuti tal-laqgha precedent numru 39 gew cirkulati minn qabel, dawn ittiehdu bhala moqrija u korretti. Ghaldaqstant dawn gew approvati unanimament bl-aggustamenti segwenti:-

*1 Fil-korrezzjoni tal-minuti – fejn hemm "It-Tieni paragrafu, pagna 2 – Robert Piscopo flok Mandy Buhagiar" trid tigi mibdula kif gej:- Robert Piscopo astjena u Mandy Buhagiar kienet ghadha ma' dahlitx ghal laqgha.*

*2 F' pagna 5 – minuti No 38 tizdied li sa' Settembru 2014 il-Kunsill kien €57K minn taht.*

***Arising out.***

1. ***Latrina tal-pjazza.*** Raymond Tabone staqsa jekk il-latrina tal-pjazza infethitx ghall-pubbliku. Huwa gie spjegat li wara li telesta x-xoghol kollu mehtieg- din il-latrina qed tkun miftuha fil-hinijiet regolari bhal kumplament tal-latrini pubblici li ghandna fil-lokalita ta' San Pawl il-Bahar. Gie spjegat ukoll li tnehhew il-portable toilets li kien hemm taht il-pjazza.
2. ***Sub-office tal-Kunsill fil-pjazza.*** Billi parti mill-lattrina – propjament fuq in-naha ta' wara gie rrangat bhala ufficcju, l-Kunsillier Raymond Tabone staqsa meta ser jinfetah ghall-pubbliku dan l-ufficcju u ghaliex ma' jkunx bhala estensjoni tal-ufficju amministrativ tal-Kunsill Lokali. Hekk ikun aktar accessibilta ghan-nies li joqghodu f'dawk l-inhawi. Ghal dan il-ghan ghanda tinkiteb ittra lid-dipartiment biex jibda l-process u jinghata permess ufficjali halli jkun jista' jintuza bhala sub-office tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Bahar.
3. ***Onorarja tal- Kunsilliera.*** Gie mistoqsi mill-kunsilliera jekk l-onorarja tistax tibda tinghata lill Kunsilliera kull xahar minflok fl-ahhar tas-sitt xhur. Billi s-segretarju ezekuttiv spjega li kien hemm Memo fuq kif ghandha tinghata l-onorarja u milli jidher hemm xi Kunsilli li qed jinghataw l-onorarja kull xahar, gie mitlub biex jikkonferma u jiehu direzzjoni mill-amministarzzjoni tal-Kunsilli Lokali fuq dan.
4. ***Funtana fejn l-Incognito.*** Il-Kunsillier Raymond Tabone staqsa jekk tlestiex ix-xoghol fuq il-funtana ta hdejn l-Incognito. Is-Sindku Mario Salerno ikkonferma dan u spjega li sar ukoll railing tal-hadid biex nevitaw li n-nies iwaddbu fliexken u affarijiet ohra fil-funtana li ser tibda tithaddem b'pompa gdida li twahlet fil-funtana.
5. ***Visual Screens.*** Is-Sindku Mario Salerno semma li l-visual screens bdew jehlu u ser ikollna hamsa min dawn. Dawn ser ikunu screens kbar li jkun fihom informazzjoni ghan-nies fuq postijiet storici, restaurants, Hotels, lattrini pubblici u riklami. Is-sistema ser tkun mqabbda ma' sit elettroniku fuq l-internet minn fejn ikun jista' wiehed jaggorna l-informazzjoni.
6. ***Xoghol ta' manutenzjoni fuq il-Gallarija tal-hadid fi triq San Frangisk.*** Wara l-laqgha li kellna mal Perit K. Fsadni fuq ix-xoghol ta' manutenzjoni tal-gallarija fi triq San Frangisk, Oliver Mallia talab meta ser jibda' x-xoghol tant mehtieg ta' manutenzjoni. Billi kif kien miftihem fil-laqgha li saret apposta li l-manutenzjoni hija r-responsabilta tal-Kunsill u ghaldaqstant il-Kunsill ghandu jara li l-manutezjoni tibda ssir regolari, ghada tinkiteb ittra lill Perit tal-MTA li ser jibda x-xoghol fuq is-sidien u dwal li hemm imkissra . Dan ghandu jsir peress li l-fondi tat-tiswijiet ser jigu rifonduti mill-MTA. Kien hemm qbil unanimu fuq dan u ghaldaqstant ghandu jibda x-xoghol ta' manutenzjoni kemm fuq il-progett direttament kif ukoll fuq il-pavimentar u r-rampa flimien mal-bankina li ghanda tigi

rrangata biex jitnaqqas l-inkonvenjent tar-residenti. Biex tigi rrangata r-rampa u l-bankina ghanda tintalab proposta u pjanti minghand il-perit tal-Kunsill halli jsir l-applikazzjoni mat-TM- *Transport Malta* peress li ser isir re-alignment tal-bankina.

7. ***Anzjna li waqghet minhabba l-vent tal-Christmas tree.*** Wara li l Kunsillier Raymond Tabone staqsa x'kien mir-rapport li l-anzjana li kienet waqghet fil-vent li kien qed izomm il-Christmas Tree, gie spjegat li kienet saret korrispondenza mall-insurance u l-avukat fuq dan ir-rigward. Gie deciz li din l-anzjana tithallas direttament mill Kunsill, fuq il-parir tal-insurance stess minhabba li l-ammont mitlub ma' kienx daqshekk eccessiv u ma' jaqbizx il-minimu li jdir jithallas lil insurance sabiex tinfetah il-*claim*.

**Approvazzjoni ta l-iskeda tal-hlasijiet.**

Wara li s-Sindku Mario Salerno talab lil Kunsilliera jekk jixtiequx xi kjarifika fuq xi pagamenti, ressaq li-skeda ghall –approvazzjoni. Favur:- Mario Salerno, Mario Buhagiar, Mandy Buhagiar, Oliver Mallia u Raymond Tabone. Astjenew tlieta:- Graziella Galea Robert Piscopo u Anne Fenech. Kontra hadd. Daniel Grima u Jane Chircop kien ghadhom ma' gewx ghal-laqgha.

***Andament tal-laqgha fuq il-ByeLaws.***

Is-Sindku Mario Salerno beda biex irringrazza lill kunsilliera li l-maggoranza tagghom kienu attendew ghal-laqgha pubblika ta' konsultazzjoni gewwa s-sala tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Bahar. Huwa kompla jghid li d-diskussjoni kienet ta' siwi kbir ghax ir-residenti u anke dawk li ghandhom villeggatura kellhom opinjonijiet varji u differenti. Fil-laqgha kien hemm ukoll raprezentanza minghand il-British Association li talbu wkoll biex ikunu infurmati fuq l-andament tat-tnedija ta' dawn il-Byelaws, Ghaldaqstant is-Sindku Mario Salerno qal li l-quddiem jerga' jkollna aktar diskussjonijiet fuq dan ir-rigward u naraw kif ninkludu l-komunita barranija li joqgghodu fil-lokalita taghna.

1815 dahlu ghal-laqgha l-Kunsilliera Jane Chircop u Daniel Grima.

***Korrispondenza.***

1. *Lift tal-Kunsill.* Il-Kunsill ircieva l-kwotazzjni biex jitranga l-lift li ghandu l-Kunsill minghand il-Groffe Ltd. Billi din il-hsara hija ta' natura regolari minhabba l-uzu tal-lift mill-anzjani gie deciz li jissewwa biex tigi evitata li jsir aktar hsara.
2. *Dar tal-anzjani f' Bugibba*. Il-Kunsill ircieva ittra li hemm applikazzjoni biex flats fi Triq it-Turisti jigu konvertiti f'dar tal-anzjani. Billi fl-applikazzjoni hemm li ser isiru altarazzjonijiet fid-dahla ta' dawn il-flats biex tkun aktar accessibli ghall-ambulanza u vetturi ohra li joffru s-servizzi tagghom lil dar ta' xjuh ta' dan it-tip u konsegwentament jintilfu xi sitt parkeggi tal-karozzi l-Kunsill ressaq ghall-votazzjoni jekk ghandux jinghata permess. L-izviluppaturi qalu wkoll li biex jghamlu tajjeb ghall dan in-nuqqas ser jisponsorjaw ghaxar bins mill-kbar biex jehlu fil-lokalita. Rigward in-nuqqas ta' parkegg li ser jinholoq- is-Sindku Mario Salerno qal li ftit il-boghod hemm ghalqa li tista' takkomoda hafna karozzi u l-effett ma' jkunx daqshekk kbir. Wara saret votazzjoni u kulhadd kien favur barra l-Kunsillier Mario Buhagiar li sostna li l-Kunsill ghandu dejjem jara li l-parkegg qatt ma' jonqos ghax il-problema dejjem qed tikber u ssir aktar akuta. Billi fl-inhawi hemm loading u unloading bay – din trid tersaq u mhux titnehha.

3. *Riklamar fuq il-U Bends u tabelli ghat-turisti.* Il-Kunsill kien ircieva korrispondenza minghand kumpanija bl-isem Blues Ltd li qed toffri li twahhal tabelli ta' informazzjoni ghat-turisti b'xejn u li mal-madwar ikun fihom post ghall riklami, kif ukoll li tiehu hsieb tibdel ghas-spejjes taggha l-U-Bends tal-lokalita ta' San Pawl il-Bahar. Din l-istess kumpanija kienet ga bghatet raprezentant biex il- Kunsilliera jaraw mosta tal- mapep u U-Bends tal-injam li jifilhu ghall bahar u l-maltemp tal-lokal. Billi kien hemm xi Kunsilliera li talbu biex tohrog expression of interest halli naraw forsi aktar possibilitajiet minn kumpaniji ohra, s-Sindku Mario Salerno talab lis-Segretarju Ezekuttiv biex jitlob ghall-expression of interest u tigi riklamata avolja Blues Ltd ser tghamel ix-xoghol kollu b'xejn u l-Kunsill mhux ser ihallas xejn.
4. *Kwotazzjoni minghand il-kuntrattur* biex il-bozoz li hemm fit-triq Jean De La Cassier li jahdmu bis-sistema solari jsiru jahdmu bil-wire. Billi l-kwotazzjoni tax-xoghol halli tinqaleb is-sistema u l-istess bozoz jibdew jahdmu mall-istrett lighting minflok bil-batteries kienet tammonta mhux hazin – gie deciz li naraw il-possibilta li l-istess bozoz terga' tinbidel il-batterija mill-gdid. Ghall dan il-ghan il-Kunsillier Oliver Mallia ser jara' din il-possibilta u ser jghin biex jinbidlu.
5. *Hlas bl-ura lill haddiema tal-Kunsilll.* Billi l-Kunsill irvieva direzzjoni minghand id-dipartiment tal-Kunsill Lokali li s-sinjura J. Vella ma' kienitx inghatat iz-zieda fis-salarju ghandha tithallas bl-ura tal-perjodu kollu, anke meta kienet assenjata mall-Kumitat Kongunt. Ghaldaqstant gie deciz u kien hemm il-qbil li tithallas dak kollu li huwa dovut lilha.
   Minhabba li ingibdet l-attenzjoni mill Kunsilliera Graziella Galea li l-istess impjegata kienet assenjata mall-Kumitat Kongunt - hija talbet biex tinghata d-differenza mill Kumitat Kongunt.
   Billi l-iskrivana kienet assenjata mall-Kumitat Kongunt u ghaldaqstant il-paga kienet tigi mhallsa mill-Kunsill, id-differenza tal-paga li ma thalsitx ghanda tithallas mill-istess Kunsill.
6. *Kont mhux imhallas* minghand Floreal Group Ltd. Il-Kunsill ircieva rendikont ta' kont li ma' kienx gie mhallas li jmur lura diversi snin. Billi l-ammont jaqbez it-€800 u baqa' qatt ma' thallas, is-segretarju intalab jitlob lill accountant halli taccerta lid an ma' thallasx u jistharreg ghaliex ma' sarx dan il-pagament li jmur lura fis-snin.
7. *Impjieg gdid fi skala 16.* Il-Kunsill ircieva korrispondenza minghand id-dipartiment tal-Kunsilli Lokali fejn wara li intalbet linja gwida minghand id-dipartiment fuq il-bzonn li jkollna persuna ohra impjegata mhux bhala skrivana. Id-dipartiment qabel li la darba jkollna l-approvazzjoni tal-ministru, din l-impjegata ghandha tkun tahdem fi skala 16 fuq bazi full-time. Ghaldaqstant ghanda tinkiteb ittra lill ministru biex tigi kunsidrata din it-talba.
8. *Approvazzjoni tal-*financial statements. Giet proposta li dawn jigu diskussi fil-laqgha li jmiss u tigi l-accountant tal-Kunsill f'din il-laqgha li ser issir apposta. Din il-laqgha gie maqbul li ssir nhar il-gimgha 7 ta' Frar 2014 fil-1730 gewwa l-Kunsill Lokali San Pawl il-Bahar.
9. *Prezentazzjoni ta' cerifikati lill studentil.* Is-Sindku Mario Salerno spjega li nhar il-Gimgha 14 ta' Frar fil-5pm ser jigi l-Onor. Ian Borg ghall prezentazzjoni tac-certifikati lill student li lestew b'success korsijiet imnedija mill-Kunsill Lokali taht skema tal-EU. Ghal din l-okkazjoni l-Kunsilliera kollha huma mistiedna jattendu.
10. *Default warning Is-*Sindku qal li ingibdet l-attenzjoni li l-haxix u zbir li qed jghamel il-Kuntrattur tal-Kunsill Martin ma' kienx qed jingabar wara li jsir ix-xoghol. Dan wara li ghall diversi drabi ingibdet l-attenzjoni kemm minghand is-supervisor tal-

Kunsill kif ukoll mis-Segretarju Ezekuttiv. Ghaldaqstant is-Sindku qed jinforma lill Kunsill li ser tinhareg default warning lill-istess kuntrattur.

11. *Zbir tas*-sigar. Wara li s-Sindku flimkien mas-segretarju u l kunsillier Mario Buhagiar marru laqgha TM biex jitkellmu fuq il permessi mehtiega ta' tnehhija tal-karozzi abbandunati kif ukoll fuq zbir ta' sigar li hemm biswit l-aquarium gie deciz li tissejjah laqgha ohra mal kunsilliera ma' ta TM. Is-Sindku spjega li l-karozzi abbandunati ma' jistawx jibqaw jingabru mill-kuntrattur tal-kunsill wara l-emendi li hargu dan l-ahhar li jirregolaw dan it-tip ta' xoghol. Ghaldaqstant il-kuntrattur ser jigi mgharraf b'dan biex jieqaf minnufih. Rigward iz-zbir tas-sigar tat-tamarisk – billi dawn huma protetti u l-Kunsill qed jesigi li dawn jinzabru immedjatament ghax spiccat biex inghalqet il-veduta / panorama tal-inhawi gie maqbul li ssir laqgha ohra mall-Kunsilliera biex forsi tissolva din il-problema.

*Sospensjoni tal-laqgha.*

Is-Sindku Mario Salerno talab lill mejda biex jinghata cans li s-Sur Jason Pace jispjega proposta lill Kunsill minhabba problema tal-bumping cars f' Bugibba. Billi ma' kienx hemm oggezzjoni, s-Sur Jason Pace spjega li billi fejn l-AquaPark f'Bugibba ma' ghadx hemm wisgha bizzejjed biex jintramaw il-Bumping cars bhal ma' kien isir kull sena, huwa ghandu proposta biex jibda' jaghmel dan in-naha ta' Fraben – propjament fejn il-gabbana tal-gelat li tinsab fl-istess post. Il-Kunsillier Daniel Grima – li huwa l-perit tal-istess Jason Pace, qal ukoll li hemm il-hsieb li jsiru Gazebo's tal-injam bhala tourist information centres fil-lokalita ta' San Pawl il-Bahar.
Wara li is-Sur J. Pace ta' l-ispjegazzjoni tieghu, l-laqgha kompliet u s-sinjur intalab biex jikteb il-proposti tieghu b'mod ufficjali u wara l-Kunsill jkun jista' jikkonsidra dawn it-talbiet.

***Stqarrija tas-Sindku.***

1. **Problema tal- Gharghar fil-Pwales** - Fl-aħħar ġimgħa s-Sindku ltaqa' mal-perit Stephen Bonello u uffiċjali tad-dipartiment tal- xogħolijiet fit-Triq is-Simar fil-Wied tal-Pwales . Hawnhekk tezisti problema tal- għargħar li teqred l-uċuħ tar-raba'. Is-sindku talab biex mogħdija bejn l-għelieqi li qisa nixxiegħa fil-wied titħammel u titnaddaf mill-ħamrija li nġarret bl-ilmiet. Jekk il-passaġġ tal-ilma jinfetaħ bħalma kien fl-antik , l-ilma jiskula b' mod immedjat u l-ħsara tonqos lil bdiewa tal- Pwales.
2. ***Survey* fuq l-art tal- Pwales** - Is-sindku ngħata l-kelma mill-Perit Bonello li se jagħmel survey fuq l-art tal-Pwales , biex tizolva din il-problema. Ukoll is-sindku semma lil perit bħala eżempju it-tħammil li sar taħt il- knisja ta' Burmarrad u kif tindif mill-bokka tal- wied ta' wara l-grawnd tal-futbol f' Burmarrad sewa' mitla deheb għaliex l-ilma għadda sew fil-wied mingħajr ma ħoloq għargħar fil-playingfield u l-inħawi.
3. ***Standards* ahjar fuq bandli u l-latrini** -Is-Sindku stqarr li t-tiswijiet u xogħol fuq il-bandli wasslu biex l-istatus tal- bandli jgħollew fl-istandards skond certifikati mahruga mill-MCAA . Saru twappet ġodda f' tal- Veċċ bħalma saru fil-bandli ta' Burmarrad. Sar xogħol ġdid li tlesta fil-ħin fuq il-latrina ta' taħt il-Pjazza ta' Buġibba , li fil-fatt infetħet mill-ġdid wara li kienet is-snin magħluqa. Is-

supervizzjoni tal-latrini qed issir ta' kuljum u dan jgħin ħafna biex inzommu kontroll fuq l-istandards u niġbdu l-attenzjoni tal-kuntrattur tal-latrini.

4. **On Michael Farrugia jiltaqa' mal-kunsilliera fl-ufficju tal-kunsill.** Fl-aħħar ġimgħat kellna laqgħa uffiċjali mal-Onorevoli Michael Farrugia li żarna fl-uffiċju tal-Kunsill u magħna tkellem fuq affarijiet li jolqtu lil lokalita tagħna. Dr Farrugia spjega x' differenza kien hemm bejn l-ewwel *outline development permit* u kif inħareġ il-full development permit fejn jidher ċar li l-impatt ambjentali tnaqqas , imma wkoll kemm kien diffiċli bħala konsegwenza li twaqqa' l-MEPA l-ODP jekk mhux li tagħti 80 miljun ewro lil izvillippatur tal-proġett . Intant , l-izvilluppatur huwa marbut li jagħti mal- 820,000 ewro lil kunsill biex jintefqu għal kommunita . dawn il-flus jistgħu jagħmlu tajjeb għal Belvedere ta' San Geraldu . Dr Farrugia qal li proġetti innovativi se jitwettqu fil-ġejjieni li se jġibu qabża fil-kwalita tal-ħajja għal poplu u semma wkoll l-appoġġ tiegħu biex jitwaqqfu bandli f ' postijiet ġodda u li nħallu bħalissa l-proġett tal-bandli biswet l-iskola primarja għaliex jekk jitwaqqaf proġett ġdid ħdejn l-iskola , tkun ħasra li jintremmew il-flus tal-UIF. Ġie suġġerit li l-perit tal-kunsill Magri jippreżenta disinji ġodda fuq postijiet alternativi għal bandli ġodda , liema bandli jitħallsu mill-UIF tal- MEPA. Salerno qal li wara li zar il-bandli fl-Mtarfa , huwa kien avvicina lil Ministru Joe Mizzi biex il-bandli fil-lokalita jinbnew mill-haddiema tal-ministeru. On Mizzi laqa' talba tas-sindku u b'hekk il-flus tal-UIF jistgħu jiġġebdu aktar u jkunu ammontati aktar postijiet mferrxin fil-lokalita. Is-sindku irringrazzja lil ministru li dejjem ta s-sapport tieghu lil kunsill .

5. **Rispett u Harsien lejn l-ekologija u n-nahal.** Is-sindku semma wkoll il-qtugħ tal-ħaxix selvaġġ f' zoni rurali mill-kuntrattur, u wara x-xita , jizdied ix-xogħol tal-ħaxix . il-fatt li aħna mhux nuzaw bexx ta' erbiċida biex neqirdu l-ħaxix , ikollna naħdmu ferm aktar biex naqtgħu il-ħaxix bil-grass cutter. Imma li nevitaw il-bexx tal-kimika , qed jagħti rizultati sbieħ fl-ekoloġija tal-lokalita – fejn inharsu u ngħinu eluf ta' naħal u insetti benefiċjarji li ma jinqatlux bil- kimika , barra li nevitaw li l-kimika jinġarr mas-saqqajn fid-djar tagħna u mal-ilmiet fil-widien.

6. **Titjieb fil-mannigg tal-gonna.** Intant matul l-aħħar xahar, kelli laqgħa mal-ġardinara biex naraw kif se nkomplu nimmanigjaw is-soft areas . Iż-żabra hija importanti li jsir bil-galbu u ż-żriegħ u t-taħwil ta' pjanti jista' jsir fix-xitwa. Jidher l-ġardinara li jaħdmu f' zoni differenti , hemm min qabad l-art waqt li hemm min għadu ma sabx kaptu , u għalhekk , is-sindku jirsisti li kull ġardinar jipprezenta pjan ta' ħidma u wara li jitwettaq ix-xogħol jsir ' record' tax-xogħol qabel ma jkun prezentat il-voucher għal ħlas. Is-sindku jixtieq jiġbed l-attenzjoni li għad baqa' min qed iħammeġ dawn is-soft areas fejn fosthom insibu sidien tal-klieb iħammġu l-bankini biswet il-pjanti u anke hgieg fil-hamrija . is-sindku qal li wiehed irid jaghti z-zmien lil gardinara biex jitghallmu juzaw prattici naturali u innovatvi u jwarrbu prattici li huma ta' detriment lil ambjent ta' madwarna .

7. **Imsawwat supervisor.** Mario Salerno stqarr li dan l-aħħar is-*supervisor* Grima li huwa impjegat mal-kumpanija li qegħda tkun ikkuntrattata mill-kunsill lokali safa' msawwat . Mingħajr ma nidħlu fil-mertu tal- kaz , dan is-swat ġab stmerrija fil-medja u nridu nevalwaw l-approċjo ta' kif nistgħu nnaqqsu tferrix u ħruġ ta' skart wara l-ħin tal- ġabra.

8. **Din l-Art Helwa fuq Mistra Project** - Salerno qal li l-NGO – Din l-art helwa trid tkun taf jekk il-kunsill lokali hux se jappella fuq il-hrug tal- FDP tal- Mistra Development Project . Mrs Simone Mizzi cemplet u qalet lis-sindku li bhala NGO ma jistghux jonqfu l-flus fuq l-appell ghaliex ghandhom bzonn jonfquhom fuq

progetti li huma qeghdin jirrestawrar. Hija tapprezza li l-kunsill lokali jaghtiha risposta hux se jappella . Fid –diskussjoni li qajjem is-sindku fuq din l-issue , il-kunsilliera u s-segretarju qallu li ma hemmx fondi biex issir forma ta' appell mill-kunsill fuq il-hrug tal- permess ghall- progett tal-Mistra . is-segretarju ghandu jinforma lil Mrs Mizzi .

9. **Laqgha storika mal-kabinett tal- ministri** - Is-sindku qal li huwa attenda ghal laqgha li l-kabinett tal- ministri ghogbu jsejjah lis-sindki tar-regjun tal-Majjistral . Kull sindku ta' kull kunsill lokali fir-regjun wassal il-bzonnijiet u t-talbiet tal-lokalita . Mario Salerno tkellem fuq l-aspetti socjali , ambjentali , kulturali , finanzjarji li jaffettwaw is-sostenibilta tal-lokalita .
10. **Bzonn ta' impjegat ghal xoghol industrijali** - Is-sindku semma li xi tlett seduti ilu , l-kunsilliera iddiskutew possibilta ta' l-impjieg ta' persuna li kapaci jkollha l-kwalitajiet teknici marbuta mal-kunsill fosthom dik ta' special license tas-sewqan , biex fost xogħolijiet ohra igorr bulky items li zdied minn sena għal oħra , u li s-segretarju ezekuttiv għandu issa jistabilixxi l-kriterju biex tinħareġ applikazzjoni li tkun approvata mid-dipartiment tal-kunsilli lokali . Ghalhekk gie maqbul biex is-segretarju ezekuttiv jikteb u jsaqsi lid-direttur tal-kunsill lokali jekk jistax johrog talba lil ETC biex jaghmlu interviews lil dawk li qeghdin jirregistraw. Hawnhekk , il-kunsillier Anne Fenech saqsiet lis-sindku jekk hux l-ingagg ta' persuna b' dizabilta hux se tkun ta' piz ghal kunsill lokali. Is-sindku wiegeb li fl-iskema mahruga mill-ETC , kull kunsill lokali seta' japplika sa massimu ta' zewg persuni b'dizabilta fejn dawn jiehdu beneficcju finanzjarju bhala hlas mill-kunsill liema hlas ikun rifondut lura mill-iskema tal-ETC – CIES . Is-Sindku qal li kien hemm persuna wahda f' din l-iskema li ikkwalifikat wara li ghaddiet minn procedura mfassla tal- ETC.
11. **Dixxiplina finanzjarja** - Is-sindku qal li għal din is-sena , huwa kien tkellem u ddiskuta mal-accountant il –preview finanzjarju fejn huwa previst li din is-sena , il-kunsill jispiċċa b' surplus ta' 5000 ewro. Biex jintlaħaq dan it-target huwa importanti li kull kunsillier jaderixxi mad-dixxiplina finanzjarja u li kull xahar , ma tinqabizx in-nefqa ppjannata. Mario qal li jekk nuzaw aktar il-moħħ , naslu biex inzidu s-street furniture bis-saħħa ta' sponsors waqt li ħafna xogħol ta' patching issir mid-dipartiment tax-xogħolijiet . Dak li niffrankaw , nistgħu nixtru kotba għal librerija tal-iskola.
12. **Ghajnuna lill-iskola primarja** - Is-sindku semma wkoll li l-kunsill lokali kien mitlub mid-dipartiment tal-edukazzjoni biex infittxu klassijiet alternativi biex ikun integrati tfal barranin li qegħdin jgħixu fil-lokalita tagħna.
13. **Kodici ta' etika** - Is-sindku jixtieq jinfurma lil kunsilliera kollha biex ikun hemm twettiq tal- kodici tal-etika u bhala ezempju semma li korrispondenza li tikkoncerna l' amministrazzjoni tal-kunsill lokali għandha tintbgħat mill-amministratturi lil dipartimenti jew entitajiet / organizzazjonijiet governativi . L-ebda kunsillier ma għandu jibgħat xi forma ta' korrispondenza jekk ma jkunux rakkomandat mis-segretarju u s-sindku minħabba xi implikazzjonijiet li jistgħu jinqalgħu. Jista' jkun hemm implikazzjonijiet b' konsegwenzi gravi li jkunu biss ta' ħsara għal kulħadd. Għalhekk din l-issue wieħed irid juza' reqqa u attenzjoni kbira .
14. **Avvizi ta' defaults**- Is-sindku jinforma lil kunsilliera li nħarreġ avviz ta' default lil kuntrattur tal-knis wara li kien hemm xi complaints fuq nuqqas ta' knis f' xi żewg toroq. Ukoll inħareġ avviz ta' default lil ġardinar fuq qtugħ ta' zabra ta' palm u ħaxix li tħalla bil-lejl fuq il-bankina bil-periklu li jaqa' xi persuna . Sadanitant , il-

kunsill jistenna' risposta tal-avviz ta' default li nharrgu . il-kunsill irid jara' li qabel jiġġedded xi kuntratt minn sena għal oħra , ma jkunx hemm default notices u jekk ikun hemm il-ħtieġa jinħarġu tenders ġodda.

15. **Expression of interest għal reklamar-** Is-sindku xtaq jiftaħ diskussjoni fuq il-reklamar li huwa propost li jsir aktar bil-galbu fuq l-injam . il-kunsill għandu jifli sewwa x' tip ta' għammara fit-toroq nridu u kif ir-reklami fuq is-settur kummerċjali jitwassal b' mod eleganti. Kien hemm kunsillier li qal li xi persuna marret tippoza u titkellem f' isem il- kunsill li hija lesta tiehu r-reklami biex jitwahhlu fuq il-bords u dan seta' holoq xi inkonvenjent lil xi intraprendituri . is-sindku kien tal- fehma li tinhareg Expression of interest u jaqbel bil-kbir minn dak li kien qed ikun propost li l-kunsill jaghzel wara li tinghalaq din l-expression of interest , u ghalhekk gie rrakkomondat lis-segretarju biex johrog l-expression of interest .
16. **Expression of interest għal vetturi abbandunati -** Is-sindku informa lil kunsilliera li wara l-laqgħa li kellu huwa , l-kunsillier Mario Buhagiar u s-segretarju ezekuttiv mal-ufficjali tal-Mepa f' Hexagon House li kull min jneħħi jew jiġbor xi vettura abbandunata mit-triq , dan għandu jkollu l-licenzja tal-Mepa biex jagħmel dan it-tip ta' xogħol. Għalhekk , il-kunsill huwa obligat li joħrog expression of interest għal min huwa licenzjat biex jirmonka u jipprovdi servizz li jkun konformi mal- liġi fejn irid ikun konsonanti mal-Awtorita ta' Transport Malta u tal-Pulizija .
17. **Progress u success tal-programm tal-ESF** -Is-sindku xtaq jinforma lil kunsilliera , illi l-progett tal- ESF li jirrigwardja t-tagħlim tal-kompjuter li jindirizza l-modjuls tal-ECDL , wara li nħarġet sejħa għal applikanti biex jibennefikaw minn dan it-taħriġ b' xejn, anzi wkoll ic-certifikati jkunu mħallsa wkoll taħt dan il-programm iffinanzjat mill-UE , għad baqa' xi postijiet vojta. Min jaf b' xi ħadd li jrid jidħol għal dan il-kors għandu javvicina lis-sinjura Gloria Debono li qed taħdem fuq dan il-programm.
18. **Jum ic-Certifikazzjoni -** Is-sindku semma wkoll is-success miksub minn benefiċjarji tal-proġett ESF fejn se jingħataw iċ-ċertifikati lilhom nhar il-ġimgħa 14 ta' Frar fil-kunsill lokali. Għal dan it-tqassim , il-kunsill jogħġbu jistieden lil On Ian Borg biex iqassam iċ-ċertifikati lil benefiċjarji. Kull kunsillier huwa mistieden biex jattendi għal din il-premjazzjoni .
19. **Gwidi u Jum l-arkejologija fix-Xemxija -** L-aċċess se jorganizza attivita soċjo-edukattiva u stieden lil kunsill lokali sabiex jieħu sehem f' din l-attivita li se jsir fl-ewwel weekend tar-rebbiegħa. Dan se jsir fil-20, 21 u 23 ta' Marzu , 2014. Fil-kaz , il-kunsill lokali jkollu jbiddel id-data ta' Jum l- Arkejologija fix –Xemxija u flok issir fl-ewwel Hadd tar-rebbiegħa issir fit-tieni Hadd , cioe fit- 30 ta' Marzu fix-Xemxija. Din l-attivita kulturali se tkun titfa' informazzjoni fuq il-wirt patrimonjali fix-Xemxija , waqt li nukleju zgħir ta' persuni jiltaqgħu biex jippreparaw din l-attivita . Huwa maħsub li jkun hemm gwidi li jispjegaw il-wirt arkejoloġiku lil poplu u b'hekk noħolqu aktar għarfien speċjalment fost it-tfal tal-lokalita . is-sindku stieden lil kull kunsillier biex jagħti l-opinjoni tiegħu fuq din l-attivita. Kien hemm qbil li ssir din l-attivita socjo-edukattiva u s-sindku qal li bhala bagit ikun hemm 200 ewros biex jithallsu l-mizati taz-zewg gwidi .
20. **Esperjenza gdida -** Is-sindku stqarr li huwa wara 15 il-sena fil-kunsill lokali li minhom għamel 12 il-sena bħala sindku , jixtieq jara' lil xi ħadd aktar zgħazugħ biex f' din il-leġislazzjoni jakwista esperjenza gdida bħala sindku .
21. **Laqgha pubblika fuq il-byelaws -** Is-sindku semma wkoll il-laqgħa konsultativa li saret mal-pubbliku fuq il-byelaws. Kienet laqgha informattiva u hargu hafna idejat minnha. Is-sindku qal li l-proċess tal-liġijiet huwa fil-bidu , imma jagħmel sens li

jkun hemm laqgħa għal residenti li jitkellmu bl-ingliz biex ikun hemm feedback anke minn EU residenti u anke minn dawk li mhux ġejjien mill-UE. Hawn hafna barranin li jridu jkunu jafu x' qed jigri , x' qed ikun diskuss u kif huma wkoll jistghu jaghtu kontribut lejn il-lokalita . is-sindku stqarr fil-media li mhux facli li tipprova taqta' linja fil-hajja imma trid thares l-impatt socjali . L-akbar sfida tibqa' l-edukazzjoni u t-taghlim fis-socjeta .

22. **Twaqqif ta' kumitat fit-turizmu** - Mario Salerno semma wkoll il-laqgħa li tikkoncerna l-manniġġ taz-zoni turistiċi , fejn l-MTA issuġġeriet li San Pawl , Qawra , Buġibba u l-Mellieħa jkunu mmexxija minn Zone Committee Management tal-Majjistral . Mario qal li se jkun hemm raprezentanza tal-Assocjazzjoni tar-residenti f' dan il-kumitat, l-MHRA , Business commercial sector u raprezentant mill-kunsill lokali . MS ipproppona li jkun hemm il-kunsillier Raymond Tabone bhala raprezentant tal-kunsill lokali ta' SPB , is-sinjura Isabella Debattista f' isem l-MHRA , is-sur Edwin Vella f' isem Bugibba Business Committee u s-sur Michael Scicluna li jipprezenta lil Residents Association li se jkollhom fierxa ta' xogħol wiesa ' fir-reġjun . Hu janticipa li jekk ma jkunx hemm xi gwerrer jew inkella xi incidenti naturali fil-pajjizi ta' madwarna , se jkun hemm tkabbir ta' 2% ta' turisti fil-lokalita , liema zjieda se jgib sfidi ġodda għal aktar ġbir ta' skart , aktar tindif u aktar ħarsien u sigurta fil-lokalita .
23. **Hidma inter-ministerjali mas-sindku ghal aktar parkegg**- Is-sindku semma wkoll li fil-gejjieni qarib se jiehu sehem f' laqgha mal-ministri tat-turizmu u tax-xogholijjiet fuq l-issue tal-parkegg fil-lokalita .

***<u>Aggornamenti:-</u>***

*<u>Robert Piscopo.</u>* Huwa qal li ghandu jinghata attenzjoni biex isir patching fi Triq San Pawl. Qal ukoll li hemm bzonn li niccekjaw il-lines sofor li qed jizdiedu f' Bugibba u jekk hux il-kaxxi tad-disabled huma kollha awtorizzati mill-awtoritajiet kompetenti.
Il-Kunsillier Raymond Tabone kompla jzid li huwa jissugerixxi li jdur triq triq halli l-Kunsill jara jekk hux veru hemm permessi. Huwa qal ukoll li ghandu jkun hemm registru biex jiggu mmarkati dawn il-kaxxi.
Il Kunsillier Robert Piscopo kompla jghid ukoll li fl opinjoni tieghu irridu noqghodu attenti biex l-ispazju pubbliku jrid jibqa accessibli. Il-Kunsill irid joqghod lura milli jghati permessi lill terzi kif gibe u lahaq.

***<u>Mandy Buhagiar.</u>***

Il-kunsilliera Mandy Buhagiar talbet biex tohrog Expression of interest biex jigi provdut servizz tal-ilma u dawl fl-inhawi tal-Menqa. Hija kompliet tghid ukoll li xtaqet tipproponi li jkun hemm siti differenti ta' postijiet ghat-tfal fejn jilghabu. F'dawn il-postijiet m'ghandux ghalfejn jintefqu hafna flus- imam semplici zurzieqa zghira u xi bank fejn jistriehu l-genituri u t-tfal joqghodu jilghabu hdejhom. Ghaldaqstant gie deciz li jiltaqaw il-Kunsilliera halli jaraw liema huma dawn il-postijiet li jistaw jintuzaw ghall dan il-ghan.

***<u>Jane Chircop</u>***

Il-Kunsilliera Jane Chircop qalet li f' Jum il mara li din id-darba ser jahbat is-sibt 8 ta' Marzu - tipproponi li tigi organizzata mixja mill-Belt fuq inizjattiva tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Bahar. Dan fid-dawl li bhal ma' l-Kunsill tagghna n-nisa jiffacjaw hafna problemi socjali u vjolenza fuq in-nisa, l-Kunsill taghna b'din l-inizjattiva jiltaqa' ma' nisa ohra minn lokalitajiet ohra halli flimkien inwasslu l-messagg ta' solidarjeta man-nisa f'isem il-Kunsilli

Lokali kollha. Ghaldaqastant Jane ser tiehu hsieb torganizza din il-mixja mill-Belt halli ninghaqdu ma' kunsilli ohra flimkien ma' NGO's ohra halli jasal il-messagg ta' solidarjeta f'Jum il-mara.

***Daniel Grima*** – ma' kellux aktar xi jzid.

***Raymond Tabone .*** Il-Kunsillier Raymond Grima staqsa lill mejda tal-Kunsill ghaliex intbghat avviz ta' Default notice lill kuntrattur tal-knis. Huwa sqarr li ma' jaqbilx fuq dan. Rigward xoghol li qed isir fil-garaxx biex jigi konformi fuq safety u jkun jista' jintuza bhala Gym, il-Kunsill ghandu bzonn jixtri bricks biex jinbnew it-toilets fuq gewwa u ghandna bzonn xi zebgha u affarijjiet ohra. Fuq din ma kienx hemm oggezzjoni. Il-Kunsillier Raymond Tabone qal li fuq l-Eco Warden, ir-regjun tat-tramuntana qalilna li ser ikollna 4 sieghat kull xaharejn. Raymond Tabone qal ukoll li ghandu jigi investigat min ta r-riklam lill kumitat tal-festa ghax ir-riklam li sar mhux accettabli bl-ismijiet tal kunsilliera antiki u bl-ismijiet tal-iskrvani mhux tajbin. Huwa sostan jghid li din kienet biss biex twaqqa ghac-cajt lill Kunsill Lokali. Huwa qal li ghanda tigi mistharrga l-possibilta jekk il-Kunsill johrogx twissija lill-istess haddiem tal-Kunsill li ghamel dan.

***Anne Fenech***

Il-Kunsilliera Anne Fenech talbet lis-segretarju Ezekuttiv biex jikkordina laqgha ma George Abdilla u mal kap tal-wardens fuq id-diversi problem relatati mall-wardens fil-lokalita taghna. Ghaldaqstant ghanda tinkiteb ittra rigward din il-laqgha.

Hija kompliet tghid li hemm bankina quddiem l-iskola primarja li ghanda bzonn manutenzjoni urgent ghax hemm xi pavimentar maqlugh. Kompliet tfakkar ukoll li fil-prize day tal-iskola s-Sindku Mario Salerno qal li ser jinghataw €300 bhala refund tal-kotba. Hija kompliet ukoll li l-handyman tal-Kunsill li huwa kuntrattur ghandu jghati l-ircevuta tal-VAT peress li qabez l-ammont ta' €14000 li huma ezentati. Ghaldaqstant bhala Kunsill ghandna naraw li l-ircevuti tal-VAT nieqsa jingabru. Anne kompliet ukoll billi staqsiet ghaliex il-Kunsill kien xtara gebel ghall Burmarrad. Gie spjegat li l-gebel li inxtara kien biex jitla l-hajt tal-ghalqa – li hija propjeta tal-gvern u li min din l-istess ghalqa kull darba li taghmel ix-xita kienet tinsel kwantita kbira ta' hamrija u tibqa niezla sal-knisja ta' Burmarrad. Billi hemm ammont konsiderevoli ta' gebel nieqes, il-Kunsill qed jara l-possibilta li x-xoghol isir min-nies tal-Gvern u jingieb aktar gebel. Hija kompliet tghid li hemm suggeriment biex jinghata permess tal-karrijiet ghad-dghajjes fejn il-fire station tax-Xemxija – propjament hdejn il-kamra tad-dawl. Ghanda tigi mistharga l-possibilita jekk tintuzax ghal dawn il-karrijiet. Anne talbet ukoll lis-Sindku kif nies bi bzonnijiet specjali qed jithallsu mill-Kunsill. Is-Sindku Salerno spjega li hemm sistema tal-ETC u ghaldaqstant il-Kunsill jithallas mill-ETC l-ammont kollu lura. Dan kien approvat mill Kunsill fis-seduta ta' Settembru, 2013.

***Graziella Galea.*** Il-kunsilliera Graziella Galea gibdet l-attenzjoni li Triq Ghawdex hemm xi dawl ma' jahdimx. Rigward iz-zebra crossing ta' hdejn Gnien Olimpiku hija talbet jekk nistawx nghamlu ohra minflok titmexxa li hemm prezentament peress li giet michuda min TM, fl-ahhar talba li saret. Hija qalet ukoll li fejn il-Muzew qed jinghataw hafna citazzjonijiet lill geniture li jigbru t-tfal mid-dutrina. Graziella Galea gibdet l-attenzjoni li il-Kunsill kienu tnaqsulu €1400 mill-allokazjoni. Dan minhabba li kienet saret attivita ta kant fil-pjazza ta Bugibba. Dan sar propjament ghax kien hemm rapport tal-monitoring board u fuq dan naqsulna l-allokazjoni.

***Mario Buhagiar***

Il kunsillier Mario Buhagiar spjega kif diversi djar in-naha ta' Wied Rihana fi zminijiet tax-xita jkollhom jghaddu minn periklu kbir billi ma' hemmx minn fejn jghaddi l-ilma. Il-karozzi

jridu jghaddu mit-trejqa tal-ilma li jifforma parti mill-wied. Ghaldaqstant ghanda ssir talba lill-awtoritajiet kompetenti biex isir pont jew katusi kbar halli l-karozzi jkunu jistghu jghaddu bla periklui. Ghandha tinkiteb ittra lill TM fuq dan ir-rigward biex jitqieghdu planki biex jghaddu l-karozzi.

***Oliver Mallia.***

Il-Kunsillier Oliver Mallia qal li jaqbel mas-sugggeriment ta' Mandy Buhagiar u ghandhom jigu identifikati tlett postijiet biex jintuzaw bhala Playing fields ghat-tfal iz-zghar.

**Aggornament tal-laqgha.**

Il-laqgha spiccat fid- 9pm u giet aggornata ghall nhar l-Gimgha 7 ta' Frar 2014 fil- 5.30pm biex jigu diskussi l-financial accounts tal-kunsill- gewwa l-ufficju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Bahar. Il-laqgha tal-Kunsill ta' wara hija aggornata li ssir nhar il-Gimgha 21 ta' Frar 2014 fil-5.30pm fl-ufficju amministrattiv.

Mario Salerno
Sindku – Kunsill San Pawl il-Bahar.

Frans Chircop
Seg. Ezekuttiv.-Kunsill San Pawl il-Bahar.